# Garanzija Limitata ta' Portable SSD ta' Samsung Għall-Portable SSD ta' Samsung kollha

Grazzi talli xtrajt SAMSUNG Portable-Solid State Drive (il-"Prodott"). SAMSUNG tirrispetta n-negozju tiegħek u dejjem tipprova tipprovdilek l-aqwa kwalità ta' servizz. JEKK JOGĦĠBOK AQRA T-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET LI ĠEJJIN QABEL TUŻA L-PRODOTT IPPROVDUT MINN SAMSUNG ELECTRONICS CO., LTD. ("SAMSUNG"). L-UŻU TIEGĦEK TAL-PRODOTT JIKKOSTITWIXXI IL-QBIL TIEGĦEK MAT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET TA' DIN ID-DIKJARAZZJONI TA' GARANZIJA LIMITATA TA' SAMSUNG SSD ("FTEHIM").

## *A. Politika tal-Garanzija*

SAMSUNG tiggarantixxi lix-xerrej tal-Prodott fl-ippakkjar issiġillat oriġinali tiegħu ("Inti"), li l-Prodott hu ħieles minn difetti fil-materjal u l-manifattura, suġġett għall-kundizzjonijiet iddikjarati hawnhekk, għall- PERJODU TA' GARANZIJA LIMITATA biss, LIEMA TUL TIEGĦU HU SPEĊIFIKAT F'SEZZJONI B TA' DAN IL-FTEHIM, LI JIBDA FID-DATA LI FIHA L-PRODOTT INXTARA FL-IPPAKKJAR ISSIĠILLAT ORIĠINALI TIEGĦU.

Fil-każ li ma jkunx hemm prova tax-xiri valida disponibbli, il-perjodu ta' garanzija limitat sejjer jiġi ddeterminat mid-data tal-manifattura.

Fil-każ li SAMSUNG tiddetermina, fid-diskrezzjoni unika tagħha, li l-Prodott fih difetti fil-materjali jew fil-manifattura tiegħu u ma jikkonformax b'mod sostanzjali mal-ispeċifikazzjonijiet ippubblikati taħt użu normali, għal kemm Inti tkun is-sid tal-Prodott u matul il-perjodu ta' garanzija limitat, u soġġett għall-kundizzjonijiet u eċċezzjonijiet iddikjarati f'dan il-Ftehim, SAMSUNG sejra, fuq għażla tagħha, jew: (1) issewwi jew tissostitwixxi l-Prodott bi Prodott ġdid jew irranġat ta' kapaċità u funzjonalità ugwali jew aqwa; jew (2) tirrifondi l-valur attwali tas-suq ta' dak iż-żmien tal-Prodott fiż-żmien li ssir il-pretensjoni tal-garanzija lil SAMSUNG jekk SAMSUNG ma tkunx tista' ssewwi jew tissostitwixxi l-Prodott. Fil-każ ta' sostituzzjonijiet, SAMSUNG tista' tibdel il-Prodott Tiegħek ma' prodott li kien intuża qabel, li ssewwa u jkun ġie ttestjat biex jissodisfa l-ispeċifikazzjonijiet ta' SAMSUNG. Il-perjodu ta' garanzija għal kwalunkwe prodott imsewwi u sostitwit se jkun l-itwal minn dawn: (1) il-bqija tal-perjodu tal-garanzija oriġinali, jew (2) disgħin (90) jum mid-data li fiha Inti rċevejt il-prodott imsewwi u mibdul. Kwalunkwe Prodott li jinbagħat lura għal servizz ta' sostituzzjoni mhux se jintbagħat lura Lilek. Madankollu, fil-każ ta' NTF (No Trouble Found - Ma Nstabet Ebda Problema) permezz ta' dijanjożi, Il-Prodott Tiegħek sejjer jintbagħat lura Lilek. Inti unikament responsabbli għall-backing up tad-dejta Tiegħek. Din il-garanzija hija pprovduta biss Lilek u mhijiex trasferibbli.

SAMSUNG

## B. Kundizzjoni ta' Garanzija Limitata (Perjodu)

| Prodott | Kapaċità | Politika tal-Garanzija tal-Prodott (Perjodu) |
|---|---|---|
| Portable SSD T1 | 250GB/500GB/1TB | 3 snin |
| Portable SSD T3 | 250GB/500GB/1TB/2TB | 3 snin |
| Portable SSD T5 | 250GB/500GB/1TB/2TB | 3 snin |
| Portable SSD X5 | 500GB/1TB/2TB | 3 snin |
| Portable SSD T7 Touch | 500GB/1TB/2TB | 3 snin |
| Portable SSD T7 | 500GB/1TB/2TB/4TB | 3 snin |
| Portable SSD T7 Shield | 1TB/2TB/4TB | 3 snin |
| Portable SSD T5 EVO | 2TB/4TB/8TB | 3 snin |
| Portable SSD T9 | 1TB/2TB/4TB | 5 snin |

- Il-perjodu tal-garanzija għall-kejbil mogħti ma' kwalunkwe Prodott huwa ta’ sena (1).

## C. Firxa tal-Garanzija Limitata

Il-garanzija ddikjarata hawnhekk MHIJIEX se tapplika jekk: (i) il-Prodott ma jkunx intuża skont l-istruzzjonijiet (http://www.samsung.com/ssd), (ii) il-Prodott ma jkunx intuża għall-funzjoni intenzjonata u l-ambjent intenzjonat tiegħu, (iii) kwalunkwe ħsara jew difett li jkunu rriżultaw mill-preżenza ta' jew interazzjoni diretta, indiretta jew inċidentali ma' prodott, software jew komponent ta' parti terza, sew jekk awtorizzat u sew jekk le, (iv) kwalunkwe ħsara jew difett kien riżultat ta’ installazzjoni jew użu ħażin, negliġenza, tiswija mhux awtorizzata, modifika, aċċident, jew kawżi esterni oħra, JEW (v) jeżisti kwalunkwe ċirkostanza oħra li SAMSUNG tiddetermina li hija evidenza ta' ksur ta’ dan il-Ftehim Minnek. Inti tirrikonoxxi u taqbel li l-Prodott mhuwiex intenzjonat għall-użu, u mhuwiex se jintuża, li jinkludi mingħajr limitazzjoni, f'sistemi ta' life support, kura kritika, tagħmir mediku jew tas-sikurezza, jew applikazzjonijiet oħrajn fejn ħsara fil-Prodott tista' tirriżulta f'mewt jew korriment, kwalunkwe applikazzjoni militari jew difensiva, jew kwalunkwe akkwist governattiv li għalih jistgħu japplikaw termini jew dispożizzjonijiet speċjali Għaldaqstant, SAMSUNG tiċħad kull u kwalunwke responsabilità f'konnessjoni ma', li tirriżulta minn, jew relatata ma', kwalunkwe użu tali tal-Prodott u inti tassumi kull riskju li jirriżulta minn kwalunkwe tali applikazzjoni jew applikazzjoni simili tal-Prodott.

Il-garanzija ta' SAMSUNG ma tkoprix kostijiet u spejjeż relatati maż-żarmar/assemblaġġ tal-Prodott u rkupru ta' data minn tiswijiet jew sostituzzjonijiet. Il-garanzija ta' SAMSUNG lanqas ma tkopri Prodotti li, bħala eżempju ġew riċevuti ippakkjati b'mod mhux xieraq, mibdulin jew bi ħsara fiżika. SAMSUNG se tispezzjona l-Prodotti rritornati meta tirċevihom u, fid-diskrezzjoni tagħha biss, se tiddetermina jekk humiex koperti mill-garanzija ta' SAMSUNG. Tista' tirreferi għal lista mhux eżawrjenti ta' eżempji tal-esklużjonijiet ta' garanzija hawn taħt:

- Ippakkjat jew trasbordat b'mod mhux xieraq, inkluż l-użu ta' reċipjent ta' trasbord mhux kwalifikat;

SAMSUNG

- Kull bidla, modifika jew ħsara fiżika tal-Prodott, inkluż iżda mhux limitata għal, grif fond;
- Kull bidla, modifika jew tneħħija ta' kwalunkwe tikketta jew barcode ta' SAMSUNG minn fuq il-Prodott;
- Ilqugħ tal-Prodott Miftuħ;
- Numru tas-serje mbagħbas jew nieqes;
- Espost għal partijiet perikolużi, oġġetti barranin jew likwidi li jaqbżu l-klassifikazzjoni tal-protezzjoni tat-tid ħil ta' IP65.*

  *Applikabbli biss għat-T7 Shield. Il-prodotti minbarra t-T7 Shield mhumiex reżistenti għat-trab jew għall-ilma.

## *D. Limitazzjonijiet tal-Garanzija u Limitazzjonijiet tar-Responsabbiltà*

GĦAJR GĦAL GARANZIJI ESPLIĊITI DDIKJARATI HAWNHEKK, SAMSUNG TIĊĦAD KULL GARANZIJA ESPLIĊITA JEW IMPLIĊITA OĦRA, INKLUŻ IŻDA MHUX LIMITATA GĦAL KWALUNWKE GARANZIJA IMPLIĊITA JEW KUMMERĊJABILITÀ, ADEGWATEZZA GĦAL GĦAN PARTIKOLARI, NUQQAS TA' KSUR, U MEZZ TA' INDIRIZZAR U UŻU TAN-NEGOZJU. IL-GARANZIJI KOLLHA ESPLIĊITI U IMPLIĊITI HUMA LIMITATI FIR-RIGWARD TAD-DURATA TAL-PERJODU TA' GARANZIJA LIMITATA. L-OBBLIGAZZJONI SĦIĦA TA' SAMSUNG U R-RIMEDJU UNIKU U ESKLUSSIV TIEGĦEK GĦALL-KSUR TA' DAN IL-FTEHIM GĦANDHOM IKUNU LIMITATI GĦALL-OBBLIGU TA' SAMSUNG LI SSEWWI JEW TISSOSTITWIXXI L-PRODOTT JEW TIRRIFONDI L-VALUR TAS-SUQ ATTWALI TAL-PRODOTT SKONT IT-TERMINI U L-KUNDIZZJONIJIET IMSEMMIJA HAWNHEKK. F'EBDA KAŻ MA GĦANDHA SAMSUNG, IL-FORNITURI TAGĦHA JEW KWALUNKWE AFFILJATA JINŻAMMU RESPONSABBLI GĦAL KWALUNKWE ĦSARA INDIRETTA, KONSEGWENZJALI, INĊIDENTALI JEW ĦSARA SPEĊJALI, U TELF FINANZJARJU JEW KWALUNKWE TELF TA' DATA JEW FAJLS, ANKI JEKK SAMSUNG TKUN ĠIET AVŻATA BIL-POSSIBILITÀ TA' TALI ĦSARA U MINKEJJA N-NUQQAS TA' GĦAN ESSENZJALI TA' KWALUNKWE RIMEDJU LIMITAT. FL-EBDA KAŻ MA TISTA' R-RESPONSABBILTÀ TA' SAMSUNG TAQBEŻ L-AMMONT IMĦALLAS MINNEK GĦALL-PRODOTT. DAWN IL-LIMITAZZJONIJIET U ESKLUŻJONIJIET JAPPLIKAW GĦALL-USA' FIRXA PERMESSA MIL-LIĠI APPLIKABBLI.

## *E. Liġi u Ġurisdizzjoni*

Dan il-Ftehim għandu jkun regolat minn u mibni skont il-liġijiet tar-Repubblika tal-Korea (għajr dispożizzjonijiet ta' kunflitt fil-liġi li jistgħu jiddeterminaw l-applikazzjoni ta' liġijiet ta' ġurisdizzjoni oħra). It-tilwim, il-kontroversji jew il-claims kollha bejn il-partijiet li jirriżultaw minn, jew in konnessjoni ma' dan il-Ftehim (li jinkludu l-eżistenza, il-validità jew it-terminazzjoni tiegħu) għandhom finalment jiġu solvuti minn arbitraġġ li jrid isir f'Seoul, Ir-Repubblika tal-Korea, u jitwettqu bl-Ingliż skont ir-Regoli tal-Arbitraġġ tal-Kamra tal-Kummerċ Internazzjonali. Il-premju arbitrali għandu jkun finali u vinkolanti fuq il-partijiet. Għajr għall-fatt li sentenza u kwalunkwe infurzar sussegwenti jista' jkollu bżonn ta' żvelar, kull kwistjoni li jkollha x'taqsam mal-arbitraġġ, inkluż l-għoti, għandha tinżamm b'mod kunfidenzjali.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok żur http://www.samsung.com/ssd u http://www.samsung.com/support

Għal iktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja liċ-ċentru tas-servizz applikabbli għal-lokalità Tiegħek:

| Reġjun jew Pajjiż | Isem taċ-Ċentru tas-Servizz | Indirizz | Tel. |
|---|---|---|---|
| 한국 (Korea) | 시머스 (주) | 수원점: 경기도 수원시 영통구 중부대로 448번길 97 삼성테크노 112호<br>용산점: 서울시 용산구 청파로 20길 34 선인상가 21동 3층 211호 | 삼성전자: 1588-3366<br>시머스: 070-8250-2646 |
| America (U.S., Canada) | Total Tech Solutions, Inc. | 49 Commerce Road, Carlstadt, NJ 07072 | 1-800-SAMSUNG<br>(1-800-726-7864) |
| E.U. (Europe) | Hanaro Europe BV | Florijn 8, 5751 PC Deurne, The Netherlands | DE: 06196 77 555 77<br>UK: 0330-SAMSUNG (726-7864)<br>NL: 088-9090-100<br>BE: 022 01 24 18<br>CH: 0800-SAMSUNG (726-7864)<br>AT: 0800-SAMSUNG (726-7864)<br>For other countries : 00800-8010-8011 |
| 中国 (China) | 碧真（北京）数码技术有限公司 | 北京市顺义临空经济核心区裕华路 28号综合楼 A202室 | 三星客服：400-810-5858<br>SSD客服：400-652-8008 |
| Australia | Samsung Electronics Australia | 3 Murray Rose Avenue, Sydney Olympic Park NSW 2127 | 1300-362-603 |

SAMSUNG